38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 1021
Imejl: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
Freephone 153

# Reġistrazzjoni għal Numru tas-Sigurtà Soċjali

## Ħarsa ġenerali

Storikament, in-numru tar-reġistrazzjoni tas-sigurtà soċjali tiegħek huwa numru elenkat taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.) li permezz tiegħu tħallas kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa jagħtuk dritt għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali provduti taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.), soġġett għall-kundizzjonijiet ta' intitolament li jeżistu għal kull tip ta' benefiċċju. Tista' ssib aktar informazzjoni dwar il-kategoriji u l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom/persuni okkupati jridu jħallsu, hawn.

Minn Ottubru tal-2016, in-numru ta' reġistrazzjoni tas-sigurtà soċjali mhux ser jibqa' joħroġ għall-persuni li għandhom fil-pussess tagħhom Karta tal-Identità permanenti Maltija (bl-ittri M, L, G, H) u joħroġ biss għall-persuni li mhumiex fil-pussess ta' Karta tal-Identità permanenti Maltija.

## X'se tingħata

Persuni li għandhom fil-pussess tagħhom Karta tal-Identità permanenti Maltija, jkunu awtomatikament reġistrati taħt l-Att tas-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.) ladarba jkunu għalqu is-16–il sena. Persuni li mhumiex fil-pussess ta' Karta' tal-Identità permanenti Maltija u li għandhom età bejn 16–il sena u l-età tal-pensjoni, jridu japplikaw għal numru ta' reġistrazzjoni tas-sigurtà soċjali. Dan in-numru jinħareġ darba biss u huwa validu matul il-ħajja tal-applikant.

Dawk il-persuni li għandhom fil-pussess tagħhom Karta tal-Identità permanenti Maltija, jirċievu ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni awtomatikament ftit jiem qabel jagħlqu l-età ta' 16–il sena.

Dawk li mhumiex fil-pussess ta' Karta tal-Identità Maltija u li użaw il-formola elettronika biex applikaw, iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jintbagħat permezz tal-indirizz elettroniku provdut fl-applikazzjoni ladarba l-kriterji tal-assikurazzjoni jintlaħqu.

Applikazzjoni tieħu madwar 2 ġimgħat sabiex tiġi ppoċessata jekk id-dokumenti mehmuża jkunu kif rikjesti.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

- Persuni li m'għandhomx fil-pussess tagħhom Karta tal-Identità permanenti Maltija għandhom jipprovdu d-dokumenti meħtieġa sabiex japplikaw għal numru tas-sigurtà soċjali. Ladarba l-applikazzjoni tiġi sottomessa, dawn jkunu soġġetti għal test ta' assikurazzjoni

- Dawk l-istudenti li għadhom ma temmux l-iskola obbligatorja (sal-Form 5) u għadhom ma għalqux 16-il sena u jixtieqwho li jibdew jaħdmu, irridu jissottomettu applikazzjoni lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER). L-applikazzjoni trid tkun iffirmata mill-ġenitur/i jew kustodja/i legali tal-istudent u minn min ser ikun qed iħaddem.

Hekk kif l-applikazzjoni tiġi approvata mid-DIER, is-Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskola (NSSS) toħroġ ittra ta' eżenzjoni mill-iskola li tintbagħat lill-ġenitur/i jew kustodja/i legali tal-istudent. Agħfas hawn biex tniżżel l-applikazzjoni għall-Eżenzjoni mill-Iskola u l-proċeduri relatati

**Nota:** L-applikazzjoni għal numru ta' reġistrazzjoni għal skopijiet ta' sigurtà soċjali ma jfissirx neċessarjament li inti tkun irreġistrat awtomatikament. Il-pożizzjoni tal-assikurazzjoni tiegħek trid tiġi determinata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

## Dokumentazzjoni meħtieġa

Dokumentazzjoni ġenerali:

- Iċ-Ċittadini Maltin kollha (ħlief dawk minuri)
  - Karta tal-Identità Maltija jew Passaport

- Iċ-Ċittadini Maltin kollha (ħlief dawk minuri)
  - Karta tal-Identità Maltija jew Passaport
  - Ċertifikat tat-Tluq mill-Iskola u Profil jew nota iffirmata mill-Kap tal-Iskola fejn jikkonferma li l-istudent temm l-iskola obbligatorja
  - Eżenzjoni mill-Iskola mis-Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskola (NSSS) jekk il-minuri għadu ma temmx l-aħħar sena obbligatorja u għadu/ għadha ma għalaqx/ għalqetx l-età ta' sittax-il sena.

- Iċ-Ċittadini kollha tal-UE (Impjegati jew jaħdmu għal rashom)
  - Identifikazzjoni uffiċjali (bir-ritratt) maħruġ mill-pajjiż tagħhom u / jew Passaport
  - Kopja tal-formola tal-ingaġġ ta' JobsPlus jew ittra 'Promise of Employment' jew dokument simili li juri li l-applikant se jwettaq attività kemm jekk impjegat/jaħdem għal rasu f'Malta

- Ċittadini minn Pajjiżi mhux tal-UE (Impjegati)
  - Karta tal-Identità Maltija (jekk disponibbli) u Passport
  - Kopja tal-formola tal-ingaġġ ta' JobsPlus jew ittra 'Promise of Employment' jew dokument simili li juri li l-applikant se jwettaq attività kemm jekk impjegat/jaħdem għal rasu f'Malta
  - Kopja tal-Liċenzja tal-Impjieg

- Ċittadini minn pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, miżżewġin ma' Maltin jew Ċittadini ta' l-UE (Impjegati jew jaħdmu għal rashom)
  - Karta tal-Identità Maltija (jekk disponibbli) u Passport
  - Kopja tal-ittra mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Espatrijati, li turi prova li l-applikant jista' jaħdem jew jgħix liberament f'Malta (Libertà tal-Moviment)
  - Kopja tal-formola ta' Ingaġġ ta' JobsPlus jew ittra 'Promise of Employment' (fil-każ ta' impjegati)

- Ċittadini minn Pajjiżi mhux tal-UE (li jaħdmu għal rashom)
  - Karta tal-Identità Maltija (jekk disponibbli) u Passport
  - Kopja tal-Formola tal-Impjieg-Liċenzja tax-Xogħol tal-JobsPlus

- Ċittadini minn Pajjiżi mhux tal-UE li għandhom permess biex jaħdmu f'Malta skont id-Direttivi tal-UE
    - Karta tal-Identità Maltija (jekk disponibbli) u Passport
    - Kopja tal-formola tal-ingaġġ ta' JobsPlus jew 'Promise of Employment' (fil-każ ta' impjegati)
    - Kopja tal-permess relevanti maħruġ mill-awtorità kompetenti f'Malta

### Kif tapplika

Imla u ssottometti l-applikazzjoni onlajn.